DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 142297** **09.10. 2014**

**ID-DELEGAZZJONI PARLAMENTARI MALTIJA TKOMPLI TIEĦU SEHEM FIL-LAQGĦAT TAS-60 KONFERENZA TAL-COMMONWEALTH.**

Illum kompliet tiltaqa' s-60 Konferenza tal-Commonwealth Parliamentary Association f'Yaoundè fil-Cameroon li għaliha qegħdin jattendu Carmelo Abela, David Agius, Anthony Agius Decelis, immexxija mill-iSpeaker tal-Parlament, Anġlu Farrugia.

L-iSpeaker attenda l-*workshop* li ddiskuta s-sehem tat-trasparenza u l-kontabilità fit-tmexxija. Fl-intervent tiegħu, Farrugia rrefera għal dak li qed isir fil-Parlament Malti biex ikun hemm aktar trasparenza u governabilità tal-istess governanza tal-pajjiż. Huwa semma t-tisħiħ tal-isituzzjonijiet parlamentari, bhall-kumitat dwar il-komporatament etiku tal-parlamentari fejn il-partecipazzjoni hija ugwali min-naha tal-gruppi parlamentari, u l-istess Speaker li jkun qed jippresjedi jkollu, jekk ikun il-każ, il-*casting vote* u dan biex jiġi assigurat li l-ebda gvern, irrispettivament mill-maġġoranza li jkollu ma jkun jista' jinfluwenza l-operat tal-istess kumitat.

Huwa rrifera wkoll għall-fatt li f'Malta l-Awditur Ġenerali huwa uffiċjal tal-parlament kuntrarjament għal dak li jsir f'diversi pajjiżi tal-Commonwealth fejn l-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali la huwa *entrenched* fil-kostutizzjoni u lanqas jirrispondi għall-parlament. Semma wkoll l-importanza tat-tisħiħ tal-Public Accounts Committee partikolarment għall-fatt li dan jista' jkun strument biex jara u jirrapporta possibbilment anke korruzzjoni fil-finanzi tal-pajjiż. Huwa staqsa għaliex f'ċerti pajjiżi fil-Commonwealth il-kummissjoni dwar l-investigazzjonijiet kontra l-korruzzjoni mhjiex komposta minn persuni indipendenti minn kull influwenza tal-partit. Dan il-punt kien parti mir-risposta ta' waħda mill-*moderators* tal-*workshop,* Amanda Fazio.

Anthony Agius Decelis, fil-konklużjoni tal-*workshop* talab li tingħata kopja tal-preżentazzjonijiet tal-kelliema, talba li fil-fatt ġiet milqugħa u se jkunu *online* fuq il-website tas-CPA. David Agius ħa sehem ukoll f'dan il-*workshop*.

Carmelo Abela, attenda l-*workshop* li ddiskuta l-Millennium Development Goals u s-Sustainable Development Goals fid-dawl tal-Commonwealth Charter u l-miri tal-Ġnus Magħquda. Fl-intervent tiegħu huwa qal li għalkemm sar ċertu progress żgur li għad fadal ħafna xi jsir biex il-pajjiżi kollha jilħqu l-miri tal-millenju. Xi drabi nsibu li l-miżuri ta' awsterità anke f'pajjiżi żviluppati jmorru kontra ċerti miri bħat-tnaqqis fil-faqar. Fl-istess Unjoni Ewropea l-faqar qed jiżdied u hemm bżonn impenn akbar inkluż dak finanzjarju biex din il-mira tintlaħaq. Il-Parlamenti nazzjonali għandhom ukoll responsabilitajiet biex jaraw li l-gvernijiet ta' pajjiżhom jimplimentaw dawn il-miri. Finalment meta nitkellmu dwar il-futur tal-Commonwealth issa li laħqet il-65 sena tagħha, hemm bżonn li aktar minn qatt qabel niffukaw fuq dawn l-*issues*. Dawn il-Millennium Development Goals u s-Sustainable Development Goals huma temi li għandhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini tagħna.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Wara nofsinhar komplew jiltaqgħu l-*workshops* u l-iSpeaker Farrugia attenda u pparteċipa fil-*workshop* li ddiskuta l-materja tal-bżonn ta' kodiċi ta' etika għall-Membrti Parlamentari. Huwa beda biex jgħid li fl-1972 il-Parlament kien għadda liġi fejn iddikriminalizza l-omosesswalità. Huwa qal li qabel ma l-Parlament għadda biex iħejji l-abbozz ta' liġi dwar l-istandards u l-etika tal-Membri Parlamentari, il-Parlament għadda l-liġi li tat id-drittijiet lill-minoranzi, fosthom tal-unjnijiet ċivili. Fuq domanda li għamel il-Professur Ken Coghill, wieħed mill-*moderators* tal-*workshop*, dwar jekk il-liġi Maltija tagħmilx eċċezzjoni fil-każ tal-Membri Parlamentari fejn tidħol prosekuzzjoni, l-iSpeaker Farrugia qal li f'Malta, f'każ ta' proċeduri kriminali, membru Parlamentari ma jiġix trattat differenti.